**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Settembru 2021**

**Talba Nru: 22/20 CZ**

**Steves & Co Limited (C-51897)**
**vs.**

**UHM Voice of the Workers**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici prezentata fit-22 ta' Jannar 2020 li biha premettiet:

Illi l-Union konvenuta hija debitrici tas-socjeta' esponenti fl-ammont ta' elfejn, mija u erbgha u ghoxrin elf Euro (€2,124) rapprezentanti l-hlas dovut ghal xoghlijiet ta'

'branding' rezi lill-Union konvenuta fuq karigu ta' u a beneficcju tal-istess, a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti;

Illi l-valur ta' dawn is-servizzi kien jammonta ghal sebat'elef u tmenin Euro (€7,080) inkluzi VAT, u dan kif jirrizulta mill-kwotazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok.A'.

Illi a tenur tal-ftehim bejn il-kontendenti, l-Union konvenuta kellha thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tletin fil-mija (30%) bhala depozitu, tletin fil-mija (30%) ohra mta jigi prezentat ix-xoghol ta' branding, filwaqt li l-erbghin fil-mija (40%) rimanenti kellhom jithallsu meta jkun hemm abbonament ta' tliet mitt (300) membru. Illi s-socjeta' attrici kienet dovuta sittin fil-mija (60%) mill-ammont globali, u cioe' l-ammont ta' erbat'elef mitejn u tmienja u erbghin Euro (€4,248.00).

Illi minn dan l-ammont l-Union konvenuta hallset l-ammont ta' elfejn u mija u erbgha u ghoxrin Euro (€2,124.00).

Ghaldaqstant l-Union intimata hija debitrici tas-socjeta' mittenti fl-ammont ta' elfejn, mija u erbgha u ghoxrin Euro (€2,124), u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. B'.

Illi l-Union konvenuta, u cioe' UHM Voice of the Workers, giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut minnha, liema ammont baqa' qatt ma thallas u dan wara li s-socjeta' konvenuta ghazlet li tippersisti fl-inadempjenza taghha.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob lil dana l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1) Jiddeciedi u jiddikjara li l-Union konvenuta hija debitrici tas-socjeta' esponenti fl-ammont imsemmi ta' elfejn, mija u erbgha u ghoxrin Euro (€2,124);
2) Jordna lill-Union konvenuta thallas lis-socjeta' esponenti l-ammont ta' elfejn, mija u erbgha u ghoxrin Euro (€2,124) bl-imghaxijiet mid-data ta' meta l-ammont sar dovut sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghal ittra ufficcjali intavolata ai termini tal-artikou 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li ggib in-numru 2915/2019.

Ra r-risposta prezentata mill-entita' konvenuta fit-12 ta' Frar 2020 li biha eccepiet:

1. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li x-xogħol pattwit qatt ma tlesta u wisq anqas ma ġie pprežentat lill-intimata.
2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kull allegazzjonijiet tar-rikorrenti għandha tiġi ppruvata sal-grad rikjest mil-liġi;
3. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Ra l-affidavit ta' Fiona Vassallo[1], Steve Ciantar Barbara[2], affidavit ulterjuri ta' l-istess Steve Ciantar Barbara[3], u sema' l-kontro-ezami tal-istess xhud[4].

Ra illi l-entita' konvenuta inghatat opportunita' bizzejjed sabiex tressaq il-provi taghha izda ma ressqitx provi, ghajr ghall-kontro-ezami appena msemmi.

Ra d-dokumenti esebiti.

[1] Fol. 24
[2] Fol. 36
[3] Fol. 46
[4] Fol. 57

Sema' t-trattazzjoni mill-abbli avukat difensur tas-socjeta' attrici.

Ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra:

Illi l-entita' konvenuta kienet qabbdet lis-socjeta' attrici sabiex tohloq id-disinni u materjal distintiv ghall-promozzjoni ghal union gdida tal-infermiera. Is-socjeta' attrici tat stima datata 24 ta' Jannar 2017 lill-entita' konvenuta, li din tal-ahhar accettat, fejn il-prezz totali kellu jkun ta' sitt'elef Euro (€6,000), li kellu jithallas kwantu ghal tletin fil-mija fil-bidu, tletin fil-mija ohra f'April 2017, u 40% jithallas hekk kif jissiehu fl-union il-gdida tliet mitt (300) membru jew iktar.

Illi l-ewwel hlas ta' tletin fil-mija, ammontanti ghal elfejn, mija u erbgha u ghoxrin Euro (€2,124) sar, izda meta s-socjeta' attrici ghamlet il-'branding' mehtieg, u wrietu wkoll lill-entita' konvenuta u baghtitulhom, u harget ghalhekk il-kont ghat-tieni pagament, dan baqa' ma sarx. Is-socjeta' attrici fakkret kemm-il darba lill-entita' konvenuta sabiex thallas, izda din baqghet ma hallsitx.

Illi s-socjeta' konvenuta permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha tghid li x-xoghol pattwit qatt ma tlesta u wisq anqas ma gie pprezentat lilha. Fl-affidavit ulterjuri tieghu, Steve Ciantar Barbara jikkontradixxi dan kollu, ghax wera illi Gian Paul Gauci mill-entita' konvenuta kien ircieva u sahansitra nizzel mill-internet il-materjal li ntbaghatlu permezz ta' link apposta. Xehed ukoll illi r-rapprezentanti tal-entita' konvenuta kienu kuntenti b'dan il-materjal. Jidher li ghal xi raguni jew ohra pero' dan il-materjal baqa' ma ntuzax mill-entita' konvenuta u qatt ma hareg fil-pubbliku.

Illi minkejja dan, is-socjeta' attrici insistiet li ghandha tithallas, il-ghaliex it-tieni pagament, dak ta' elfejn, mija u erbgha u ghoxrin Euro (€2,124) li issa fuqu saret il-kawza odjerna, kien sar dovut.

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghalhekk ma jisthoqqx li tintlaqa'. Is-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova ohra biex issostni l-eccezzjonijiet taghha u ma ndikatx ghalfejn is-socjeta' attrici m'ghandhiex tithallas ladarba provdiet is-servizz mitlub.

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi kull xoghol ghandu jsir il-hlas misthoqq ghalih. Intqal fis-sentenza fl-ismijiet *Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et*[5] illi:

> Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghall-principju illi *omnia labor, optat premium*. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti"

Illi fil-kaz in kwestjoni jidhol ukoll l-istitut tal-*locatio operis*, anke jekk mhux ghal xi haga maghmula bl-idejn, izda purament ghal servizzi professjonali. Fl-istess sentenza fuq imsemmija, inghad hekk:

[5] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) *per* Onor. Imhallef Philip Sciberras – 20 ta' Novembru 2009

> Issa in tema legali, trattasi li hawnhekk qeghdin fil-presenza tal-figura guridika tal-locatio operis, ukoll jekk professjonali, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili, il-kriterju dominanti fil-komputazzjoni tal-korrispettiv, attiz l-assenza ta' konvenzjoni minn qabel bejn il-partijiet u l-inapplikazzjoni ghall-fattispeci tat-tariffi professjonali dettati mil-ligi jew mill-uzu, kien dak meqjus mill-Qorti skond ic-cirkostanzi (Artikolu 1624, Kodici Civili). Jinzel minn dan illi, kif ravvizat f'sentenzi ohra ta' din l-istess Qorti, lil gudikant hu moghti l-funzjoni ta' arbitratur, f'liema kaz dan mhux vinkolat minn xi parametri prefissi. Jikkonsegwi ghalhekk illi in linea ta' massima l-attenzjoni tal-gudikant ghandha ghad-determinazzjoni tal-korrispettiv tiffoka ruhha fuq "id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tar-rizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol" jew is-servizz professjonali. Ara "Nazzareno Zammit –vs- Anthony Desira", Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2007. Anke jekk mhux ezawstiva tali konsiderazzjoni, ukoll jekk komplimentari, twessgha l-affermazzjoni tal-Qorti f'dik is-sentenza l-ohra citata. Dan kif analogikament deciz minn din l-istess Qorti f'sentenzi ohra ko-involgenti prestaturi professjonali. Ara inter alia "Avukat Joseph Sammut - vs-Goliath Developments Limited", 12 ta' April, 2007, u "Perit Caroline Caruana -vs-George Properties Limited", 9 ta' Jannar, 2009;

Illi ma hemmx dubju illi x-xoghol maghmul mis-socjeta' attrici jaqa' taht id-definizzjoni ta' 'locatio operis' kif fuq indikat, izda li wkoll kien regolat b'mod dettaljat bi ftehim bejn il-partijiet, inkluz dwar il-hlas ghalih u meta kellu jsir.

Illi t-Tribunal wara da kollu li inghad jara illi s-socjeta' attrici jisthoqqilha tithallas it-tieni pagament li kien lilha dovut.

Illi ghall-fini ta' imghax fuq is-sorte, it-Tribunal ser iqis illi l-materjal mitlub ghadda ghand l-entita' konvenuta fl-14 ta' Jannar 2017, u cioe' dakinhar illi l-materjal intbaghat elettronikament lill-entita' konvenuta, u ghalhekk minn dakinhar ghandu jibda ghaddej l-imghax.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-entita' konvenuta, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jordna lill-entita' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mija u erbgha u

ghoxrin Euro (€2,124), bl-imghax mill-14 ta' Jannar 2017 sal-hlas effettiv. L-ispejjez u drittijiet kif mitluba ghandhom jithallsu mill-entita' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur